**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 459/2021**

***GOLDEN SHARE INVESTMENTS SICAV PLC FIR-RIGWARD TAS-SUB-FUND GSI GOLDEN SHARE INVESTMENT GLOBAL FUND***

***VS.***

***DELTAHEDGE LP***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar żewġ talbiet magħmula mill-kumpannija Golden Share Investments SICAV plc sabiex hija titħallas mingħand il-kumpannija DeltaHedge LP is-somma ta' 29,991.80 Dollari Amerikani (USD) jew l-ekwivalenti tagħha fil-munita Ewro;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fl-**10 ta' Mejju, 2021**, il-kumpannija Golden Share Investments SICAV plc (minn issa 'l quddiem imsejħa f'din is-sentenza 'Golden Share Investments') fissret li fit-28 ta' Ġunju 2018 hija kienet daħlet fi ftehim bil-miktub, hekk imsejjaħ *Customer Advisory Agreement*, mal-kumpannija konvenuta DeltaHedge LP (minn issa 'l quddiem imsejħa f'din is-sentenza 'DeltaHedge'),

fejn hija tat l-awtorità lill-kumpannija konvenuta sabiex tixtri u tbiegħ investimenti f'isimha;

3. Golden Share Investments tgħid li għal dawn is-servizzi ta' ġestjoni hija kellha tħallas lil DeltaHedge miżata ta' kull xahar (*monthly management fee*) ta' 2%. Din il-miżata kellha tiġi maħduma fuq l-assi netti (*net assets*) misjuba fil-kont ta' Golden Share Investments fl-aħħar ta' kull xahar. Madankollu, skont Golden Share Investments, il-partijiet kienu daħlu fi ftehim ieħor fejn qablu li dawn il-miżati li ġew imħallsa, kellhom jiġu mrodda lura minn DeltaHedge lil Golden Share Investments. Billi kien hemm numru ta' miżati ta' kull xahar li baqgħu ma ġewx mrodda lura minn DeltaHedge, Golden Share Investments fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata għandha tirrifondi lura lis-soċjetà rikorrenti kif pattwit is-somma ta' disgħa u għoxrin elf disgħa* [sic] *mija u wieħed u disgħin USD u tmenin ċenteżmi (USD29,991.80) ekwivalenti għal €25,219.65 (ħamsa u għoxrin elf, mitejn u dsatax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu) jew l-ekwivalenti tagħhom f'Ewro bħala 'management and performace fees' li kienu imħallsa* [sic] *doppjament;*
>
> *2. Tordna lis-soċjetà intimata sabiex tirrifondi lura lis-soċjetà rikorrenti s-somma mħallsa ta' disgħa u għoxrin elf disgħa* [sic] *mija u wieħed u disgħin USD u tmenin ċenteżmi (USD29,991.80) ekwivalenti għal €25,219.65 (ħamsa u għoxrin elf, mitejn u dsatax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu) jew l-ekwivalenti tagħhom f'Ewro bl-imgħaxijiet legali u tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas l-ammont imsemmi favur is-soċjetà rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 573/2021 kontra s-soċjetà intimata u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti fil-konfront tal-intimata.»*

4. B'digriet tagħha tal-**<u>11 ta' Mejju, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika tar-rikors maħluf u d-dokumenti li hemm mehmuża miegħu lil DeltaHedge fl-indirizz tagħha fl-Iskozja skont il-**Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Estraġudizzjarji f'Affarijiet Ċivili jew Kummerċjali**, kif ratifikata fil-**Kapitolu 443 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Skont riferta tal-Aġenzija li Tirċievi fl-Iskozja, li ġiet ippreżentata fl-atti tal-kawża mill-Avukat tal-Istat fit-28 ta' Ottubru, 2021, DeltaHedge ġiet notifikata bir-rikors maħluf u bid-dokumenti li hemm mehmuża miegħu fl-**<u>1 ta' Ottubru, 2021</u>**;

6. Għalkemm DeltaHedge ngħatat żmien ta' għoxrin jum minn meta tirċievi l-atti kollha tar-rikors maħluf sabiex hija tressaq risposta maħlufa, hija baqgħet ma ppreżentat l-ebda tweġiba;

7. Golden Share Investments ddikjarat li kienet qiegħda tagħlaq il-provi tagħha fis-seduta tal-**<u>25 ta' Frar, 2022</u>**;

8. Minkejja li fl-istess seduta tal-**<u>25 ta' Frar, 2022</u>**, il-qorti tat lil DeltaHedge l-opportunità biex jekk trid hija tressaq is-sottomissjonijiet mil-miktub tagħha skont l-**artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sal-25 ta' Marzu 2022, il-kumpannija konvenuta baqgħet ma ppreżentatx is-sottomissjonijiet tagħha;

9. Fid-**<u>29 ta' Marzu, 2022</u>**, il-qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-għeluq tal-avukata ta' Golden Share Investments u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza biex tingħata llum;

***Fatti***

10. Fit-**<u>28 ta' Ġunju, 2018</u>**, Golden Share Investments iffirmat ftehim hekk imsejjaħ *Customer Advisory Agreement*, li permezz tiegħu Golden Share Investments awtorizzat lil DeltaHedge sabiex tixtri u tbiegħ f'isimha numru ta' investimenti partikolari (ara paġni 33 sa 40 tal-atti tal-kawża). Skont dan il-ftehim, Golden Share Investments kellha tħallas miżata ta' 2% kull xahar, b'rabta ma' dan is-servizz ta' ġestjoni (*monthly management fee*). Din il-miżata kellha tiġi maħduma fuq l-assi netti (*net assets*) misjuba fil-kont ta' Golden Share Investments fl-aħħar ta' kull xahar;

11. Skont Edoardo Cirvegna, direttur u azzjonist maġġoritarju ta' Golden Share Investments, dan il-ftehim sar bil-ħsieb li jitjiebu l-prospetti tat-*Trading Programme* VixVox, li kien hemm investiti fih l-assi kollha tal-kumpannija Golden Share Investments (ara l-affidavit ta' Edoardo Ciravegna f'paġna 68 tal-atti tal-kawża);

12. Minkejja dak li kien jipprovdi l-*Customer Advisory Agreement*, skont Edoardo Ciravegna kien ġie miftiehem mill-bidu nett bejn Golden Share Investments u DeltaHedge li l-miżati ta' kull xahar li kellhom jitħallsu minn Golden Share Investments kienu ser jiġu mrodda lura kollha minn DeltaHedge (ara l-affidavit ta' Edoardo Ciravegna f'paġni 68 u 69 tal-atti tal-kawża);

13. Fil-fatt, b'ittra elettronika tat-**<u>30 ta' Ottubru, 2018</u>**, Umberto Loschi f'isem DeltaHedge kkonferma li l-kumpannija konvenuta kellha ftehim ma' Edoardo Ciravegna biex hija trodd lura lil Golden Share Investments il-miżati li din tal-aħħar kienet qiegħda tħallasha. Dan il-ftehim jidher li sar bil-għan li l-klijenti ta' Golden Share Investments ma jiġux imġiegħla jħallsu l-miżati għal darbtejn (ara paġna 41 tal-atti tal-kawża);

14. Imbagħad, fit-**<u>2 ta' Lulju, 2019</u>**, Aaron Sammut, fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpannija Golden Share Investments, bagħat ittra lil DeltaHedge fejn ġibdilha l-attenzjoni li kien hemm numru ta' miżati li kienu għadhom ma ġewx imħallsa lura minnha (ara paġna 43 tal-atti tal-kawża). Filwaqt li fisser li kien hemm bilanċ ta' 22,994.84 Dollari Amerikani li kien għadu dovut peress li kienu ġew imrodda biss 6,275.93 Dollari Amerikani, huwa talab lil DeltaHedge biex tinfurmah meta hija kienet beħsiebha tagħmel dan il-ħlas;

15. Jumejn wara, jiġifieri fil-**<u>5 ta' Lulju, 2019</u>**, Umberto Loschi wieġeb għall-ittra tat-2 ta' Lulju, 2019, fejn stqarr li kien hemm nuqqas ta' ftehim fuq l-ammont li kellu jiġi mreġġa' lura lil Golden Share Investments. Huwa saħaq li l-ammont dovut kien dak ta' 14,355.48 Dollari Amerikani (ara paġna 44 tal-atti tal-kawża);

16. Wara li ntbagħtet din l-ittra, ġew imdawra żewġ ittri oħra fis-**<u>6 ta' Awwissu, 2019</u>** u fit-**<u>8 ta' Awwissu, 2019</u>**, (ara paġni 45 sa 47 tal-atti tal-kawża), fejn filwaqt li Golden Share Investments saħqet li l-ammont kollu kien dovut, tant li dan kien baqa' jiżdied matul ix-xahar ta' Lulju 2019, DeltaHedge wieġbet li l-ftehim dwar ir-radd lura tal-miżati kien imur lura biss għal Novembru tas-sena 2018 u għalhekk hija ma kellha l-ebda obbligu li trodd flus lura għax-xhur ta' Awwissu, Settembru u Ottubru 2018. DeltaHedge baqgħet ma weġbitx dwar meta hija kienet sejra trodd lura lil Golden Share Investments il-bqija tal-flejjes imħallsa lilha f'miżati;

17. Imbagħad, fl-**<u>10 ta' Mejju, 2021</u>**, Golden Share Investments fetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

18. Din hija kawża fejn il-kumpannija konvenuta DeltaHedge għażlet li ma tweġibx għat-talbiet li ressqet kontriha Golden Share Investments u għalhekk, ladarba DeltaHedge waqgħet kontumaċi, il-qorti kellha l-opportunità li tisma' biss qanpiena waħda, jiġifieri dak li kellha xi tgħid Golden Share Investments;

19. Il-fatt waħdu li DeltaHedge ma wrietx interess fil-kawża miġjuba kontriha, u għażlet li ma tweġibx, ma jfissirx li Golden Share Investments ġiet meħlusa mill-piż li tipprova l-każ tagħha skont il-grad u l-qies li titlob minnha l-liġi. Anzi, meta konvenut ikun waqa' fi stat ta' kontumaċja l-attur xorta waħda jibqagħlu l-piż li jressaq provi sodisfaċenti biex isejjes it-talbiet tiegħu. Tassew, il-fatt waħdu li DeltaHedge għażlet li ma tiddefendix ruħha f'din il-kawża ma jfissirx li hija ammettiet għat-talbiet imressqa minn Golden Share Investments (ara f'dan is-sens ***Charles Saliba v. Salvu Borg***, Appell Ċivili, tas-27 ta' Ġunju, 1997);

20. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-kontumaċja għandha tiġi meqjusa bħala oppożizzjoni għat-talbiet magħmula fir-rikors maħluf fejn il-konvenut ikun ħalla lillu nnifsu għall-ġudizzju tal-Qorti. Għalhekk, f'każ bħal dan il-qorti jeħtiġilha tisħarreġ jekk it-talbiet tar-rikorrenti humiex mistħoqqa billi tgħarbel bir-reqqa l-

fatti li jkunu nġabu quddiemha sabiex tistabbilixxi l-verità, u dan indipendentement mill-istat ta' kontumaċja ta' DeltaHedge (ara fost l-oħrajn ***Ruth Apap v. Noel Apap***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ġunju, 1995, ***Charles Saliba v. Salvu Borg***, Appell Superjuri, 27 ta' Ġunju, 1997, ***Feniċi Insurance Agency Limited noe v. Paul Stoner et***, Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002, u ***Maria Muscat et v. Michael Attard et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ġunju, 2016);

21. Jiġi b'hekk, li f'dan il-każ Golden Share Investments xorta għandha l-obbligu li tneħħi l-piż tal-prova minn fuqha u tmexxieh għal fuq DeltaHedge. Il-grad ta' prova li Golden Share Investments kellha tilħaq *«huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet»* (ara ***Vincent Borġ v. Teresa Borġ***, Appell Superjuri, tad-29 ta' Jannar 2016 u ***Concorde Developments Limited v. B. Grima and Sons Limited***, Appell Superjuri, tas-27 ta' Jannar, 2017);

22. Il-qorti tqis li Golden Share Investments tabilħaqq irnexxielha tilħaq il-grad ta' prova hawn fuq imsemmi. Il-fatti li ġew spjegati aktar kmieni f'din is-sentenza huma lkoll ikkonfermati permezz ta' affidavit magħmul minn Edoardo Ciravegna, li ġie prodott mill-kumpannija rikorrenti (ara paġni minn 68 sa 70 tal-atti tal-kawża);

23. Il-qorti ma tħossx li hija għandha tiddubita li DeltaHedge kienet intrabtet li trodd lura l-miżati ta' kull xahar li hija kienet qiegħda titħallas minn Golden Share Investments skont il-*Customer Advisory Agreement*. Wara kollox, kien Umberto Loschi stess f'isem DeltaHedge, li permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fit-30 ta' Ottubru, 2018, ikkonferma li kien hemm fis-seħħ dan il-ftehim;

24. Mill-provi ma jirriżultax eżattament meta daħal fis-seħħ dan il-ftehim.Madankollu, minn kif inhi miktuba l-ittra elettronika mibgħuta minn Umberto Loschi fit-30 ta' Ottubru, 2018, il-qorti qiegħda tifhem li DeltaHedge kellha trodd lura l-miżati kollha li hija kienet qiegħed tirċievi mingħand Golden Share Investments. Din il-

fehma tal-qorti tkompli tissaħħaħ b'dak li jgħid Edoardo Ciravegna fl-affidavit tiegħu fejn huwa jistqarr li, *«it was agreed from the beginning that all fees charged would have to be rebated»*;

25. M'hemmx dubju li l-miżati inkwistjoni tħallsu minn Golden Share Investments lil DeltaHedge għaliex flimkien mal-affidavit ta' Edoardo Ciravegna hemm mehmuża numru ta' bilanċi bankarji ta' Golden Share Investments li juru iswed fuq l-abjad meta u f'liema ammonti saru dawn il-ħlasijiet. Fil-fatt, minn eżami ta' dawn il-bilanċi bankarji jirriżulta li Golden Share Investments ħallset dawn il-miżati fis-7 ta' Settembru, 2018, fit-22 ta' Ottubru, 2018, fit-13 ta' Novembru, 2018, fis-16 ta' Novembru, 2018, fis-16 ta' Jannar, 2019, fl-14 ta' Frar, 2019, fis-7 ta' Marzu, 2019, fl-4 ta' April, 2019, fil-5 ta' Lulju, 2019, fit-12 ta' Ġunju, 2019, fl-10 ta' Lulju, 2019, fid-9 ta' Awwissu, 2019 u fid-9 ta' Ottubru 2019 (ara paġni 71 sa 110 tal-atti tal-kawża). It-total ta' dawn il-ħlasijiet iwassal għall-ammont ta' 36,287.73 Dollari Amerikani;

26. Mill-bilanċ bankarju li jinsab f'paġna 111 tal-atti jirriżulta li minn dan l-ammont totali DeltaHedge raddet lura lil Golden Share Investments 6,275.93 Dollari Amerikani biss. Jiġi b'hekk, li DeltaHedge għad jonqosha trodd lura lil Golden Share Investments l-ammont ta' 29,991.80 Dollari Amerikani, l-istess ċifra li Golden Share Investments qiegħda titlob fir-rikors maħluf tagħha;

27. Għaldaqstant, f'ċirkostanza bħal din, ladarba ma tressqitx prova kuntrarja li titfa' mqar dell żgħir ta' dubju fuq it-teżi ta' Golden Share Investments, din il-qorti tista' tissokta billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-kumpannija rikorrenti;

28. Dwar l-imgħax mitlub mill-kumpannija rikorrenti, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnha ġej minn operazzjoni kummerċjali li seħħet bejn is-snin 2018 u 2019. Dan hu hekk għaliex skont l-**artikolu 5(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew mal-azzjonijiet tagħhom hija meqjusa bil-liġi bħala att tal-kummerċ;

29. Darba għalhekk li din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju, 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1139** sa **1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 26A** sa **26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif dawn ġew emendati bl-**Avviżi Legali tal-2012** u **tal-2014** (ara f'dan is-sens ***Blye Engineering Co. Ltd v. Allegro Andante Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 u ***Godwin Gatt v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2021);

30. Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira ta' intrapriża, kif miġjuba fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, wieħed isib li hemm magħdud magħha, kull organizzazzjoni li twettaq attività ekonomika. Barra minn hekk, fit-tifsira tal-kliem "***ammont dovut"*** li hemm fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, hemm imniżżel ukoll miżati;

31. Issa skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, l-interess legali li jrid jitħallas bejn intrapriżi għandu jkun imgħax sempliċi bbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%) (ara **artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-preżent, ir-rata ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew hija ta' 0,00 %. Jiġi b'hekk, li r-rata tal-imgħax applikabbli f'dan il-każ għandha tkun ta' 8% fis-sena;

32. Illi kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għall-ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut (ara **artikolu 26Ċ(2) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**) u l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba ħlas tardiv mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt (ara **artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

33. Minkejja kull liġi oħra, il-perijodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jaqbeż sittin ġurnata kalendarja, iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perijodu

itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur (ara **artikolu 26Ċ(4) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

34. Fil-każ tagħna, il-qorti m'għandhiex tagħrif mill-atti tal-kawża jekk bejn il-partijiet kienx hemm miftiehem xi terminu ta' żmien għall-ħlas lura tal-miżati. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova dwar id-data jew it-terminu għall-ħlas, il-qorti tqis li l-imgħax għandu jinħadem skont dak provdut fil-**paragrafu (a) tal-*proviso* għall-artikolu 26Ċ(3) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

35. Dan il-paragrafu tal-liġi jipprovdi li l-imgħax għandu jinħadem minn tletin ġurnata kalendarja wara d-data li fiha d-debitur jirċievi l-fattura;

36. F'dan il-każ, il-qorti ma jirriżultalhiex li Golden Share Investments bagħtet xi fatturi lil DeltaHedge. Madankollu, skont l-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** l-kelma "*fattura*" ma tfissirx biss kont mibgħut minn provditur ta' prodott jew servizz lix-xerrej iżda tfisser ukoll kull talba ekwivalenti biex isir il-ħlas;

37. Isegwi għalhekk illi l-imgħax li huwa dovut minn DeltaHedge lil Golden Share Investments għandu jiġi maħdum minn tletin ġurnata kalendarja wara kull talba li Golden Share Investments għamlet lil DeltaHedge biex isirulha l-ħlasijiet aktar 'il fuq imsemmija;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi <u>**tilqa'**</u> l-ewwel u t-tieni talba tal-kumpannija rikorrenti u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lil DeltaHedge LP sabiex tħallas lil Golden Share Investments SICAV plc, is-somma ta' 29,991.80 Dollari Amerikani (USD), b'imgħax sempliċi bit-8% fis-sena, li jibda għaddej skont kif provdut fil-**paragrafu (a) tal-*proviso* għall-artikolu 26Ċ(3) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, magħduda magħhom dawk li jolqtu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 573/2021, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-kumpannija konvenuta DeltaHedge LP.

______________________

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**